**25 ta' Ġunju 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Vella

**Traffiku — Sewqan Negliġenti u Sewqan Perikoluż — "Overtaking" — Sinjali.**

*Jekk il-manjiera tas-sewqan hijiex negliġenti biss, jew "reckless", jew addirittura perikoluża, hi kwistjoni ta' "degree", dipendenti miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, inklużi, fost dawn iċ-ċirkustanzi, l-ammont ta' traffiku u l-konkors ta' "pedestrians".*

*Jekk wieħed ikun irid jaqla' minn karrozza quddiemu, u d-driver tal-karrozza sorpassanda jagħmillu sinjal biex jgħaddi, b'daqshekk dan ma jkunx qiegħed xejn affattu jagħtieh brevett ta' immunità għall-konsegwenzi ta' dik il-manuvra, imma jkun biss qiegħed juri li hu jaf li sejra ssir dik il-manuvra, u li, għal dak li jiddependi minnu, hu sejjer jaddatta ruħu billi ma jagħmel ebda manuvra li biha jista' jfixkel l-"overtaking"; imma jibqa' ugwalment dover tad-driver tal-"overtaking vehicle" li jara "hu" kull ċirkustanza oħra u kull eżiġenza oħra, ta' nies u vetturi, qabel ma jagħmel dik il-manuvra.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'Testaferrata Road, il-Gżira, fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 1960, f'xil-4.15 p.m., saq il-car numru 15766 b'manjiera perikoluża; u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-erbgħa (4) ta' April 1960, li biha sabitu ħati u kkundannatu ħames liri (£5) multa, u ordnat is-sospensjoni tal-liċenza għall-żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u ta'ab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Jekk il-manjiera tas-sewqan hijiex negliġenti biss, jew "reckless", jew addirittura perikoluża, hija kwistjoni ta' "degree", dipendenti miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, inklużi, fost dawn iċ-ċirkustanzi, l-ammont ta' traffiku u l-konkors ta' "pedestrians". Ingħad sewwa illi "the surrounding circumstances must be taken into account in deciding whether there is danger to the public" (Crim. Law Review, June 1959, p. 460). Hu ndubitat li "potential danger" hu biżżejjed (ara Kingman vs. Seager (1938) 1 K.B. 397; u Durnell vs. Scott (1939), All E. Rep. 183). Speed żejjed jista' jkun anki kostituttiv ta' "dangerous driving" (app. Krim. Pul. vs. Sapiano 23.1.60);

Jirriżulta mill-provi li l-appellanti, li għandu 22 sena, qabes karrozza oħra f'Testaferrata Road, il-Gżira, f'ħin meta din it-trieq kienet ġiet ristretta konsiderevolment filwisgħa tagħha, minħabba li, stante li kien hemm il-Karnival fli-Stadium viċin, kien hemm karrozzi pparkjati fiż-żewġ naħiet, tant buses kemm touring-cars, u, dippjù, kienet konġestjonata bin-nies li kienu ġejjin mill-Istadium, fejn kien spiċċa l-Karnival, u kienu qegħdin jaqsmu minn naħa għal oħra biex jaqbdu x-char-a-bancs;

L-imputat issorpassa l-karrozza l-oħra bi speed ta' min 20 sa 25 mil fis-siegħa, kif qal hu stess u l-passiġġier tiegħu;

Diversi minn nies, li kienu fit-trieq sejrin jaqsmu, inġibdu u nħasdu, billi l-car ta'-appellant ġie f'daqqa waħda għal fuqhom fin-naħa tal-lemin, fejn bir-raġun, ma kienux jistennewh (ara xhieda Espedito Camilleri, Michael Micallef, u Joseph Cassar). L-appellant ma ċaħadx li, x'ħin għamel l-"overtaking", kellu max-xellug tiegħu char-a-banc u karrozza oħra;

Hu kurjuż li d-difiża tal-appellant donnha iddeduciet bħala mezz skriminanti argument li tabilfors, meta l-appellant issorpassa, sab ruħu fuq il-lemin, minħabba l-vetturi li kien hemm ipparkjati miż-żewġ naħħiet; mentri din kienet appuntu raġuni biex dik il-manuvra ma ssirx. Fir-Road Traffic Act Ingliż, difatti, fost iċ-"circumstances of the case" hemm appuntu "the nature, condition, and use of the road", u anki "the amount of traffic which is actually at the time, or which might reasonably be expected to be, on the road"...... Qal tajjeb il-Kuntistabbli Camilleri, meta epitomizza s-sitwazzjoni bil-kliem konkludenti tat-tieni xhieda tiegħu:— "Ma tantx kien mument li wieħed jista' jaqla' l-barra minn car ieħor. Jekk kellu żewġ karrozzi fuq ix-xellug, ma kienx mument żgur";

Hu anki stran li d-difensur għamel enfasi fit-trattazzjoni fuq iċ-ċirkustanza li d-driver tal-vettura sorpassata għamel is-sinjal lill-appellant biex jgħaddi. Il-Qorti tirrileva li, meta d-driver tal-karrozza sorpassanda jagħmel is-sinjal lid-driver tal-karrozza li trid tissorpassa biex jgħaddi, b'daqshekk ma jkunx xejn affattu qiegħed jgħatieh brevett ta' immunità għall-konsegwenzi ta' dik il-manuvra, imma jkun biss qiegħed juri li hu jaf li sejra ssir dik il-manuvra, u li, għal dak li jiddependi minnu, hu sejjer jadatta ruħu billi ma jagħmel ebda manuvra li jista' jfixkel biha l-"overtaking"; imma jibqa' ugwalment dover tad-driver tal-"overtaking vehicle" li jara "hu" kull ċirkustanza oħra u kull eżiġenza oħra, ta' nies u vetturi, qabel ma jagħmel dik il-manuvra. Għalhekk, f'dan il-każ, xejn ma jista' jiswa lill-appellant li d-driver tal-karrozza l-oħra seta' għamillu s-sinjal ta' "benestare", jekk il-manuvra, minħabba r-ristrettezza ta' li spazju, kienet sejra titfa lill-appellant perikolożament fuq il-lemin tat-triq bi ħsara potenzjali għan-nies hemm transitanti u qegħdin jaqsmu, f'dik il-konġestjoni ta' vetturi u nies. Seta' stenna mument aħjar;

L-imputat qal ukoll, fix-xhieda tiegħu, li l-karrozza sorpassanda waqfet. Jekk dan hu hekk, allura l-pożizzjoni tal-appellant tippeġġjora ruħha, għaliex, la waqfet, u kieku ried jgħaddi, sata', ma kienx hemm bżonn li jsuq bl-20 jew 25 mil fis-siegħa imma seta' għadda ferm aktar bil-mod;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu tas-sospensjoni jibda min nhar it-Tnejn, sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 1960.